II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2562

tal-24 ta' Ottubru 2022

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2004 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal negozjati mat-Tajlandja dwar Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja min-naħa l-oħra ("il-Ftehim").

(2) In-negozjati dwar il-Ftehim ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-2 ta' Settembru 2022 fi Brussell.

(3) L- għan tal-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.

(4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(5) Fid-dawl tal-ħtieġa li l-Ftehim jiġi applikat qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu wara r-ratifiki mill-Istati Membri, ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim"), huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim ([1]).

([1]) Ara l-paġna 72 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 59 tal-Ftehim u soġġett għan-notifiki previsti fih, il-partijiet segwenti tal-Ftehim għandhom jiġu applikati fuq bażi provviżorja ([2]) bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja, iżda biss sa fejn dawn ikopru materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, inklużi materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni:

— Titolu I

— Titolu II

— Titolu III

— Titolu IV: Artikoli 20, 21, 22, 23, 25, 26, 27, 28, 29

— Titolu V: Artikoli 30, 31, 32, 34, 35, 36, 37, 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 49

— Titolu VI

— Titolu VII

— Titolu VIII

— Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 5

— Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 23.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
A. HUBÁČKOVÁ

([2]) Id-data minn meta l-partijiet tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.